MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 208/2008

**A B**
**Vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici fl-14 ta' Mejju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1) Illi l-kontendenti izzewwgu nhar is-26 ta' Dicembru 1971 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok A;
2) Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu erbat itfal D, E, F, G u H ilkoll maggorenni;
3) Illi l-intimat irrendu ruhu hati u fil-konfront ta' martu ir-rikorrenti ta' adulterju, ecessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u servizzi b'rizultat li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibli tant illi z-zwieg tkisser irrimidjabbilment;

4) Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedu ghal separazzjoni personali skond digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 27 ta’ Novembru 2007 fl-atti ta’ l-ittra numru 1129/07 hawn anness u mmakrat Dok B;

Talbet ghalhekk li l-intimat ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat;
2) tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix esklussivament fid-dar matrimonjali bl-isem 43 Triq il-Malvizz Fgura;
3) tikkomina kontra l-istess rikorrenti il-provvedimenti ta’ l-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) tiddikjara xolta il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida u taqsam l-istess f’zewg porzjnijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, b’dana illi jigu applikati is-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba, occorendo bin-nomina ta’ periti nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
5) tillikwida il-krediti kollha dovuti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u mill-intimat favur ir-rikorrenti u tordna lill-intimat ihallas a favur ir-rikorrenti dawk il-krediti hekk likwidati;
6) tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni u krediti parafernali taghha jew il-valur rispettiv taghhom fi flus;

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat il-verbal taghha tal-11 ta’ Mejju 1990 li permezz tieghu il-konvenut, illi huwa kontumaci, iddikjara illi ma riedx

iqabbad avukat biex jirrapprezentah u illi ma kellu l-ebda pretensjoni fuq id-dar taz-zwieg u ta' go fiha;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi xehdet l-attrici u qalet illi izzewget lill-konvenut fis-26 ta' Dicembru 1971 u miz-zwieg kellhom sebghat itfal illi illum huma kollha maggorenni.  Hija qalet illi l-hajja mizzewga taghhom kienet ta' dwejjaq ghaliha u ghal uliedha u dana peress illi l-konvenut huwa bniedem vjolenti u sawwatha kemm il-darba matul iz-zwieg taghhom, sawwat ukoll lit-tifel il-kbir D, tant illi dan kellu bzonn kura psikjatrika.  Hija kompliet tixhed illi l-konvenut kien dejjem xhih mal-familja u kien ihalliha bla flus ghal gimghat shah u b'hekk kien ikollha tiehu l-flus minghand ommha u missierha biex ikollha x'titma lil uliedha.  Kien kattiv anke ma uliedu, kellu kamra fejn kien irabbi il-fniek u kien iqajjem lit-tfal fil-hamsa ta' filghodu biex jghinuh innaddaf lill-fniek.  L-attrici kompliet tixhed illi zewgha kellu relazzjoni ma certu X minn Ghajn Dwieli Rahal Gdid, liema relazzjoni ilha ghaddejja ghal madwar 30 sena u hija stess kienet rat lill-konvenut hiereg mid-dar ta' din il-mara.  L-attrici kompliet tixhed illi zewgha telaq mid-dar matrimonjali fil-Fgura diversi snin ilu u mar jghix il-Birgu fl-indirizz 43, Triq San Lawrenz u din id-dar hija proprjeta tal-konjugi.  Hija xehdet illi ghandhom ukoll kamra ohra fi Triq il-Koppla Fgura. L-attrici xehdet illi minn mindu telaq zewgha qatt ma taha manteniment u dejjem ghexet bl-ghajnuna tal-Gvern u ta' uliedha.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici esebiet Nota li permezz taghha esebiet valutazzjoni ta' perit arkitett tad-dar matrimonjali u cioe' il-fond numru 49 Triq il-Malvizz, Fgura u f'din il-valutazzjoni

id-dar in kwistjoni giet stmata fl-ammont ta tmenin elf euro (€80,000)  L-attrici esebiet ukoll valutazzjoni tal-proprjeta 43 St Lawrence Street Birgu u din il-proprjeta giet stmata fl-ammont ta' sebghat elef euro (€7,000).  L-attrici esebiet ukoll valutazzjoni ta' store fi Triq il-Koppla Fgura illi gie stmat mill-Perit fl-ammont ta' tlett elef euro (€3,000).

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici talbet is-separazzjoni u allegat illi zewgha huwa hati lejha ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u servizzi.

Illi l-Ligi taghna tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incident ta' importanza minuri.  Il-Qorti ghalhekk trid tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u trid taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura.  L-apprezzament tal-provi irid ikun wiehed oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni.

Illi dwar eccessi, il-Qorti tirreferi ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza fit-30 ta' Gunju 1961 fejn inghad illi fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew attegjament li jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji."

Illi kif dejjem gie ritenut ma jenhtiegx illi jikkonkorru s-sevizzi, l-ingurji gravi, t-theddid u l-minacci kollha flimkien, izda huwa sufficjent li jigi ppruvat wiehed minnhom biss.

Ikkunsidrat :

Illi dwar l-adulterju, il-Qorti rat illi dan ma giex ippruvat fil-grad rikjest mill-Ligi u skond il-gurisprudenza nostrana.

Illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet A Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe (Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed

gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adultejru jista jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikun gravi, precizi, u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'mohh min ghandu jiggudika.

Illi fil-kaz odjern l-attrici esebiet biss l-affidavit taghha u ma ressqet l-ebda prova ohra sabiex tikkollabora ix-xiehda taghha dwar l-allegat adulterju da parti ta' zewgha u ghalhekk il-Qorti rat illi l-attrici ma irnexxielhiex tipprova illi l-konvenut ikkommetta adulterju fil-konfront taghha.

Illi kif diga kellha okkazzjoni li tghid, il-Qorti trid tezamina l-episodji saljenti tal-hajja konjugali kollha u mhux incident minuri, liema episodji joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha fulur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (vide Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246).

Illi dwar il-mohrija, din tirrizulta anke meta jkun hemm incident izolat, u s-sevizzi meta dawn ikunu abitwali jew ripetuti b'mod illi jirrendu il-hajja konjugali insupportabbli.

Illi fil-kaz odjern, l-attrici ma ressqet l-ebda fis-sens illi hija qeghda tircievi l-ghajnuna socjali, ma ressqet l-ebda provi fis-sens li zewgha ma jaghtihix manteniment hlief fix-xiehda taghha, u lanqas ma ghamet tentattiv sabiex il-Qorti tordna illi l-konvenut jghaddilha il-manteniment.

Illi l-Qorti rat ukoll illi fil-kaz odjern it-tfal huma kollha maggorenni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa l-ewwel talba, tilqa wkoll it-tieni talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix esklussivament fid-dar matrimonjali bl-isem 43, Triq il-Malvizz Fgura u dana ukoll peress illi l-konvenut iddikjara fil-Qorti illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghal din it-tieni talba attrici, qeghda tichad it-tielet talba peress illi l-attrici

ma irnexxielhiex tipprovaha a sodisfazzjoni tal-Qorti, qeghda tilqa ir-raba talba u tassenja lill-attrici id-dar matrimonjali bl-isem 43 Triq il-Malvizz Fgura b'kull ma hemm go fiha u tassenja lill-konvenut il-fond 43, St Lawrence Street, Birgu u l-istore fi Triq il-Koppla Fgura bil-mobbli ta' go fihom u qeghda tahtar lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jircevi l-atti relattiv u lil Dr Gabrielle Zammit bhala kuratur sabiex tirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att. Il-Qorti qeghda tichad il-hames u is-sitt talbiet attrici peress illi l-attrici ma irnexxielhiex tipprova dawn it-talbiet; Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------